**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 168/18/NL**

**Avviz Numru 168/18**

**Mark Formosa**

**Vs**

**Clinton Galea**

Illum 4 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz ta' Mark Formosa tas-17 ta' Lulju 2018 li permezz tieghu talab li, prevja kull dikjarazzjoni necessarja skond il-ligi, l-intimat jigi kundannat ihallas lir-rikorrent dak l-ammont li jigi debitament likwidat minn din il-Qorti, rapprezentanti s-sehem dovut lir-rikorrent mill-ammont ta' tmintax-il elf Euro

(€18,000) imhallas lill-intimat fuq kuntratt datat 14 ta' April 2016 in atti tan-Nutar Anne Marie Tonna, riferibbilment ghall-bejgh tad-dar bil-gnien adjacenti maghha, bin-numru 97 u bl-isem "Il-Gnejna", gewwa Triq Sant'Antnin, Haz-Zabbar, tal-kejl ta' cirka 3038mk, li jinkludi wkoll zewg porzjonijiet ta' art quddiem l-istess dar u gnien, liema b ejgh sar bejn il-vendituri Joseph u Maria konjugi Camilleri u l-kumpannija akkwirenti Gnejna Property Limited, liema sehem huwa dovut lir-rikorrent in ezekuzzjoni tal-ftehim milhuq bejn il-kontendenti f'dan ir-rigward u/jew ghall-involviment tar-rikorrent fin-negozju fuq imsemmi skond il-ligi. Ir-rikorrent jippremetti li l-intimat zamm u dawwar il-fuq imsemmi ammont kollu ghalih innifsu u/jew ghal terzi indebitament minghajr ma kellu ebda dritt li jaghmel dan. Minkejja li gie debitament interpellat inkluz permezz ta' ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 2016 (Numru 1823/2016) huwa baqa' inadempjenti. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju 2016 u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimat li jibqa' minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni, u b'rizerva li r-rikorrent jipprocedi bil-kwerela kriminali kontra l-intimat skond il-ligi.
Ghall-finijiet ta' kompetenza, jigi dikjarat li l-valur tat-talba odjerna ma jeccedix is-somma ta' €15,000.

Rat ir-risposta ta' Clinton Galea fejn eccepixxa (i) preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 (e) tal-Kodici Civili (ii) fit-tieini lok, l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrent u dan ghaliex l-attur ma kellu l-ebda involviment fil-bejgh tal-proprjeta' ai termini tal-kuntratt riferit fir-rikors u wisq anqas kellu xi ftehim mal-intimat rigward xi hlasijiet dovuti lilu (iii)fit-tielet lok, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu (iv) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tad-29 ta' Ottubru 2018, fejn, minkejja li giet imqanqla l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, gie maqbul li tinghata sentenza wahda kemm fir-rigward ta' din l-eccezzjoni kif ukoll fil-mertu.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru 2019 ir-rikorrent iddikjara l-provi tieghu maghluqa[2], filwaqt li fid-19 ta' Ottubru 2021 l-intimat ghalaq il-provi tieghu.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Rat ix-xhieda tal-attur **Mark Formosa** fejn l-attur iddikjara li huwa negozjant u jaghmel hafna xoghol li jinvolvi proprjeta', bejgh, kiri u xiri. Jghid li lill-intimat jafu minn kuntatt li huwa ghandu f'dak is-settur u, sa fejn jaf hu, jaghmel

[1] Folio 184 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 127 tal-process

xoghol ta' senserija, jixtri u jirrapprezenta xi nies ukoll li qeghdin f'dak is-settur. L-attur jispjaga li ghall-habta ta' Frar 2014, kienu avvicinawh il-familja Camilleri li kellhom proprjeta' ghall-bejgh. Huwa jghid li, fost ohrajn, kien cempel lill-intimat, fejn jghid li kien persuna li kien jafda b'certu informazzjoni. Huwa jghid li kien sar ftehim ma' xerrej li kien sab l-intimat u kien sar dak li jsejjahlu, *Memorandum of understanding*.

Ikompli jispjega li wara dan, l-attur u l-intimat iltaqghu f'hanut proprjeta' ta' l-attur f'Zabbar Road, Fgura – dak iz-zmien mikri lill-kumpannija 202 Jewellery, u "*ftehmna li l-flus li ahna niehdu minn dan il-bejgh ha jinqasam 50-50 nofs bin-nofs*".[3]

Jispjega li dan il-ftehim sar verbalment, u jirrigwardja '50-50' tal-*commission* mill-begh u dan ghaliex l-attur kien sab il-bejjiegh, filwaqt li l-intimat kien sab ix-xerrej. Fil-fatt, l-attur jispjega li l-MOU bejn il-bejjiegh u x-xerrej sar proprju ftit tal-jiem wara li sar il-ftehim verbali bejn il-kontendenti.

L-attur jispjega li huwa kien gie mgharraf bil-jum tal-kuntratt finali ta' bejgh, izda dakinhar ma setghax jattendi ghax kellu intervent mediku f'ghajnejh. Jghid li hu kien avzahom li Clinton Galea kien ser ikun qed jirrapprezenta kemm lilu nnifsu, kif ukoll lill-attur.

Madankollu, jispjega l-attur, meta gie biex jitolbu l-hlas, xi hamest ijiem wara l-kuntratt, Galea cahhdu minnhom u, ghalkemm kien hemm xi mument fejn anke l-bejjiegha Virginia Camilleri kienet intervjeniet biex timmedja bejniethom, Galea kien offrielu biss €900, li l-attur irrifjuta, stante li kien qed jippretendi €9,000 – ossija – nofs il-*commission fee*.

[3] Fol. 22

**Mario Grixti** xehed u kkonferma li huwa rapprezentant tal-kumpannija li xtrat u jghid li hu kien ghadda sehemu mill-agenzija lil Clinton Galea, fis-somma ta' €9,000, li l-istess Galea qallu jikteb cheque fuq ACH Limited. Huwa kkonferma li ma jafx jekk ghandux fil-pussess tieghu ricevuta minghand Galea, izda biss li huwa hallas €9,000 li ghal tali hlas, ezebixxa *cheque image*[4] ta' cheque mahrug minn Stalagmite Connections Limited favur ACH Limited.

Xehedet ukoll **Virgina Jean Camilleri** permezz tal-affidavit li kkonfermat l-istorja kif irrakkontaha l-attur. Hi tispjega li l-familja Camilleri kienet hallset is-somma ta' €9,000 f'senserija, hekk kif kienet ghamlet il-familja Grixti. Ix-xhud tghid li c-cheque ta' €9,000 mill-familja Camilleri hargu Alfred Camilleri.

Fil-fatt, anke fix-xhieda tieghu, **Alfred Camilleri** jikkonferma din il-verzjoni u jezebixxi wkoll ic-cheque ta' €9,000 li huwa hareg lil ACH dakinhar tal-kuntratt fl-14 ta' April 2016.[5]

Xehedu wkoll xhieda ohra fosthom rapprezentanti ta' HSBC, li kkonfermaw li c-cheques dahlu f'kont ta' ACH Food and Beverages Imports Limited u ta' Bank of Valletta li kkonfermat li l-informazzjoni dwar fejn jispiccaw ic-cekkijiet, ikollu r-*recipient bank*. Ix-xhud tal-HSBC kkonfermat ukoll li fuq id-deposit slip hemm ID Card u firma. In-numru tal-ID Card hija 377582M. Xehed ukoll Michael Sciortino, awditur tas-socjeta' ACH Food and Beverages Imports Limited, li kkonferma li s-somma ta' €18,000 dahlet fil-kotba tal-kumpannija bhala senserija.

Xehedu wkoll in kontroezami, Virginia Jean Camilleri, Alfred Camilleri u Mario Grixti. Kollha kemm huma kkonfermaw l-istess posizzjoni, li kien Mark

---

[4] Fol. 32 tal-process
[5] Fol. 52 tal-process

Formosa li ppropona l-bejjiegh, u li kien Clinton Galea li ppropona x-xerrej. Jirrizulta wkoll li bejn il-mument tal-introduzzjoni u l-iffirmar tal-*letter of intent*, ghaddew biss ftit gimghat. Jaqblu wkoll li kien Mark Formosa li sab il-bejjiegh u li kien Clinton Galea li sab ix-xerrej. Mario Grixti jikkonferma li lil Mark Formosa qajla jaf min hu, izda li n-negozjati hu kien jaghmilhom ma' Camilleri direttament – ghax fl-ahhar mill-ahhar, maghhom kellhom isiru.

Xehedu wkoll **Malissa Ann Frendo** u **Ivynne Grixti** fejn it-tnejn jghidu li lil Mark Formosa ma jafuhx, u li bhala familja Grixti dejjem ftehmu ma' Clinton Galea.

Finalment, xehed ukoll il-konvenut **Clinton Galea** permezz tal-affidavit. Huwa jibda l-affidavit tieghu billi jghid li fi Frar tal-2014 kien ircieva telefonata minn Virgina Jean Camilleri, li nfurmatu li kellhom proprjeta' ghall-bejgh f'Haz-Zabbar, munita b'permess tal-bini. Galea jispjega kif kien hu li laqqa' lil Camilleri ma' Grixti gewwa Birkirkara, fejn Grixti kellu proposta li l-proprjeta' tinbena f'dar tax-xjuh. Hu jghid li kien ikun hemm diversi telefonati u kien jirranga u jinnegozja xi differenzi li kien hemm bejn il-partijiet biex fil-laqgha li jmiss ikun hemm negozjati aktar *smooth*. Galea jghid li qabel l-ahhar laqgha kien cempillu Formosa u qallu li kien *hu* li taha n-numru tieghu lil Camilleri. Galea jghid li kien irringrazzjah izda talbu biex jiltaqaw. Skond Galea, kien f'dik il-laqgha li Mark kien infurmah li kellu jithallas nofs is-senserija. L-intimat jghid li kien talbu 50-50, wara 60-40 (60% ghal Galea) wara 70-30 ufinalment 80-20. L-intimat jghid li huwa qatt ma qabel jew accetta dak li kien qed jipproponi.

L-intimat jghid li hu kien kellem privatament lil Virgina u Alfred Camilleri fejn spjegalhom li kien cempillu Mark Formosa u qallu li kien hu li tahom in-numru tieghu. Galea jghid li meta qalilhom li Formosa kien qed jippretendi senserija, Camilleri kienu stagbu ghax hasbu li x-xoghol kien qed jaghmlu bhala habib,

mhux bhala sensar. Galea jghid li hu kien ghalaq ma' Grixti u ma' Camilleri fuq senserija ridotta – jghid li ma' Camilleri il-kundizzjoni kienet li b'hekk ma jkollu xejn x'jaqsam ma' Formosa u jekk ikun irid xi kumpens talli tahom in-numru tieghu, jirrangaw mieghu Camilleri direttament.

L-intimat jghid li kien biss ftit wara l-kuntratt (u ghalhekk madwar sentejn wara l-introduzzjoni ta' bejn il-bejjiegha u x-xerrejja) li Formosa rega' ghamel kuntatt mieghu. Hu jghid li kien baghatlu SMS u ghall-ewwel injorah ghax haseb li baghtu bi zball. Biss pero', rega' baghat wiehed wara l-iehor, u meta mbaghad cempillu, l-attur beda jippretendi hlas ghal dan il-bejgh u x'hin it-telefonata iddegenerat u Formosa beda jitkellem hazin, l-intimat qata' l-linja.

Wara dan, jghid li Formosa baghatlu ittra bl-avukat. Jghid ukoll li fl-istess zmien li baghat l-ittra, regghet kelmitu Virgina Jean Camilleri u qaltlu li kellu jaghti somma flus lil Formosa.  Finalment jikkonferma li huwa qatt ma rcieva xi *invoice* jew kont ta' Formosa u wisq anqas spjega ta' xhiex inhuma dawn il-flejjes li qed jippretendi.

In kontroezami, l-attur jghid li mhuwiex minnu li Camilleri kienu mill-ewwel indikaw ix-xewqa li jaghmlu l-progett bi shab, u kien tul in-negozjati li indikaw din ix-xewqa. Huwa jikkonferma li ma kienx jafhom qabel Frar 2014. Hu jichad ukoll li x-xewqa ta' Camilleri kien li n-negozju jigi konkluz malajr – jghid li n-negozju ha z-zmien tieghu.

Jghid ukoll li s-socjetajiet ACH ghandhom is-setgha li jaghmlu xoghol ta' *real estate* inkluz ghalhekk xoghol ta' senserija. Hu jghid li mghandhomx licenzji ghax dak iz-zmien ma kinux jezistu. Hu jaqbel li kien hu li qal lill-partijiet kontraenti biex jaghmlu c-cheque f'isem ACH u li kien hu li ddepozita dak l-ammont fil-kont ta' ACH Food and Beverages Import Limited.

**Ikkunsidrat**

**L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

L-intimat ressaq l-ewwel eccezzjoni tieghu taht l-artikolu 2148 (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' li l-azzjonijiet tas-sensala, ghad-dritt tas-senserija, jaqghu bil-preskrizzjoni ta' 18-il xahar.

L-Artikolu 2148(e) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jistabbilixxi illi:

*2148. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*

*[...]*

*(e) l-azzjonijiet tas-sensala, għad-dritt tas-senserija;*

*[...]*

Skond l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-preskrizzjoni tibda tiddekorri kif isegwi:

*2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

Finalment, fit-termini tal-Artikolu 2160(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

*2160. (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147,2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

Kif jinghad fis-sentenza recenti fl-ismijiet **Pauline Debono vs Mario Agius et** (moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili) fit-23 ta' Gunju 2022:

> Tnejn huma għalhekk l-elementi illi għandhom jissussistu sabiex tiġi milqugħa eċċezzjoni ta' preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2148(e) tal-Kap 16, u cioe: *(a)* ***iridu jkunu għaddew 18-il xahar minn dakinhar illi l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata;*** *u (b)* ***min jeċċepixxi l-preskrizzjoni għandu jagħti ġurament minn jeddu li m'huwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa;"***

a

> Fir-rigward tal-ewwel element, u cioe **d-dekorrenza ta' 18-il xahar minn dakinhar illi l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata**, ġurisprudenza kostanti tgħallem illi fil-każ ta' preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2148(e), l-azzjoni għal senserija tista' tiġi eżerċitata biss mid-data tal-kuntratt finali ta' bejgħ, u għaldaqstant huwa minn dan il-jum illi għandhom jibdew jiddekorru t-18-il xahar.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Estates (Naxxar) Limited vs Jose Manuel Da Silva et,*** fejn, b'referenza għal dak ritenut mill-Prim' Awla presjeduta fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***K.B. Real Estate Limited v. P & JC Company Limited,*** din il-Qorti, diversament presjeduta qalet illi:

> *In terms of local jurisprudence, this prescriptive period starts to run from the date when the final deed of sale is published and therefore the action for payment of brokerage fees must be instituted within eighteen months from such date.*

L-istess jinghad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***David Massa vs Simon Estates (Naxxar) Limited***, fejn il-Prim' Awla tal-Qorti Civili irriteniet hekk:

> *Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Jannar 2004 fil-kawża:* ***KB Real estate Limitwed vs P & JC Company Limited*** *ingħad illi "fil-fehma tal-Qorti iżda l-jedd għas-senserija jinkiseb meta jsir il-bejgħ, u mhux meta jsir il-wegħda tal-bejgħ."*
>
> *Għalhekk fil-każ ta' senserija, iż-żmien tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mid-data li jsir il-bejgħ (ara: Qorti tal-Maġistrati (Malta): 8 ta' Mejju 2007:* ***Frank Salt Real Estate Limited vs Kevin Crockford et****).*

Issa f'dan il-kaz jirrizulta li l-attur intavola ittra ufficjali f'Lulju tal-2016. Jirrizulta wkoll li l-kuntratt sar f'April tal-2016. Madankollu, jidher li l-kawza saret fis-17 ta' Lulju 2018, u ghalhekk, bejn l-ittra ufficjali tal-2016, u d-data tal-intavolar tal-kawza, huwa minnu li t-terminu ta' 18-il xahar kienu ddekorrew.

Madankollu, din il-Qorti tosserva s-segwenti:

- Kif korrettement jghid ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, din mhijiex talba li sensar qieghed jaghmel fil-konfront ta' xi parti kontraenti ghas-senserija tieghu, izda hija, aktar minn hekk, talba ghal hlas in vista ta' obbligazzjoni kuntrattwali allegata mir-rikorrent.
- Fis-succint, ir-rikorrent mhuwiex qed jitlob 'senserija' minghand il-konvenut, izda qed jitolbu jhallsu nofs l-ammont li huwa rcieva bhala senserija minghand partijiet terzi, in segwitu ghal ftehim allegat bejniethom.

Ghalkemm ir-rikorrent jghid li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatabbli ma' dik tal-inesistenza assoluta tal-kreditu, l-artikolu 2160 u l-emendi li sarulu fl-2017, jidher li varjaw din il-posizzjoni, in kwantu l-konvenut huwa llum mistenni li jikkonferma bil-gurament tieghu li mhuwiex debitur (u li ghalhekk ma hemmx kreditu xi jwiegeb ghalih) biex l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjonijiet il-qosra jkollhom effett. Fin-nuqqas, fil-fatt, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148 ma jkollha ebda effett.

F'kull kaz, pero', din il-Qorti taqbel mat-tezi tal-attur li z-zmien tal-preskrizzjoni irid jitqies b'referenza ghall-azzjoni kif imfassla (**Stencil Pave (Malta) Ltd vs Kunsill Lokali Naxxar**). Issa huwa evidenti li l-attur qed jitlob 'l-ezekuzzjoni ta' ftehim kuntrattwali bejnu u bejn il-konvenut'. In effett, u anke b'mod logiku, l-attur mhuwiex qed jitlob senserija minghand il-konvenut – semmaj, qed jitolbu sehem minn dak l-ammont li kien originarjament thallas in linea ta' senserija minghand terzi.

Ghalhekk, in vista ta' dak hawn fuq stabbilit, din il-Qorti tqis li r-relazzjoni kuntrattwali ta' bejn il-kontendenti certament li ma kinitx dik ta' sensal u klijent, izda, hekk kif mitlub fl-avviz promotur, ta' zewg min-nies li allegatament ftehmu dwar hlas mar-realizzazzjoni ta' cirkostanza.

Konsegwentement, din il-Qorti qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ser tghaddi biex tikkunsidra l-mertu tal-kawza.

**Dwar il-Mertu**

Dwar il-mertu, din il-Qorti tosserva li minn xi bnadi, il-kontendenti ghandhom verzjonijiet ghal kollox differenti minn ta' xulxin.

Essenzjalment, il-kontendenti jaqblu li Mark Formosa kien dak li kien jaf lill-vendituri. Fejn ma jaqblux huwa li Formosa kien, sa mill-bidu nett, kellem u konsegwentement ftiehem ma' Galea li huwa ghandu jithallas nofs dak l-ammont li ser jinghadda b'senserija.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tibda minn issa biex tiddikjara li s-sottomissjonijiet kollha tal-partijiet dwar kemm kellu involviment o meno r-rikorrent, huma ghal kollox superfluwi. Jekk zewg partijiet ftehmu li wiehed jghaddi somma flus lill-iehor, ikun ghamel x'ikun ghamel, dan huwa bizzejjed, gjaladarba r-rekwiziti essenzjali ta' kuntratt huma soddisfatti.

F'dan ir-rigward ghalhekk, din il-Qorti ghandha tqis jekk verament kienx jezisti kuntratt verbali bejn il-partijiet, u f'hiex kien jikkonsisti l-ftehim.

M'hemmx dubju li l-attur jghid li l-ftehim kien sa mill-bidu nett li hu u Galea jaqsmu l-*commission* nofs bin-nofs. Formosa jghid li hu kien cempel l-ewwel lil Galea u avzah b'din il-proposta. Dan il-punt, Galea ma jsemmiehx, u jibda l-affidavit tieghu direttament minn meta cemplitlu Virginia Camilleri. It-telefonata ta' Camilleri lil Galea mhijiex michuda mill-provi ta' l-attur – anzi – jinghad li kienet cemplitlu hi proprju ghaliex Galea ma kienx irritorna t-telefonata lil Camilleri, u lanqa ghamel kuntatt lura. Sfortunatament, dwar dan, Galea ma gie mistoqsi xejn. Li mhux kontestat, pero', li qabel Frar 2014, lil Virgina u Alfred Camilleri, il-konvenut ma kienx jafhom. Ghalhekk, din il-Qorti ma ghandha ebda dubju dwar il-fatt li kien proprju l-attur li laqqa' lil Camilleri mal-konvenut sabiex ikunu jistghu jaslu ghal xi tip ta' konkluzjoni ta' negozju.

Jibqa' kontestat bis-sahha, pero', x'kien il-ftehim ta' bejn il-kontendenti. Min-naha l-wahda, Galea jghid li ma kien hemm ebda ftehim – tant li Formosa kien kelmu u infurmah li kien qed jippretendi kumpens ghall-ewwel darba *qabel l-*

*ahhar laqgha li Galea kellu mal-partijiet kontraenti*. Skond Galea, hemmhekk Formosa kien spicca 'jinnegozja' l-persentagg tieghu ghall-ewwel darba. Wara dan l-inkontru, Galea jghid li kellu l-ahhar laqgha ma' Camilleri u Grixti, u kien hemmhekk li l-konvenut irriduca l-kumpens dovut lilu biex ikun jista' jimxi n-negozju. Jghid ukoll li bhala kundizzjoni ghal din ir-riduzzjoni, hu kien ftiehem ma' Camilleri li hu ma jkollu xejn x'jaqsam ma' xi pretensjonijiet ta' Mark Formosa.

Mill-banda l-ohra, Formosa jghid li hu minn dejjem kien ftiehem kumpens ta' nofs bin-nofs – ghax kien hu li sab il-bejjiegh, u Galea li sab ix-xerrej. Ix-xhieda l-ohra prodotti minn Formosa, naturalment, ma jistghu jghidu xejn dwar kwalunkwe ftehim li seta' kien hemm bejn Galea u Formosa. Fil-fatt, anke Virgina Jean Camilleri, meta ssemmi li Formosa cemplilha jghidilha li mhux gej minhabba intervent mediku, tghid li hi 'assumiet' li dwar il-hlas, ser ikun Galea li jirranga ma' Formosa wara l-kuntratt.

Lanqas min-naha tal-konvenut, ma hemm ebda provi jaghtu hjiel dwar il-ftehim li seta' kien hemm bejn il-partijiet. Jibqa' biss il-kelma ta' wiehed kontra ta' l-iehor.

Naturalment, huwa principju accettat li huwa l-attur li jrid jipprova t-talba tiegħu biex din tiġi milqugħa. Dan mhux biss skond id-dispost tal-**artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** izda anke skond id-dettam *onus probandi incubit qui dicit non ei qui negat* (ara l-kawzi (**Dottor Herbert Lenicker vs Joseph Camilleri**, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 31 ta' Mejju 1972; u **Peter Paul Aquilina vs Paul Vella,** Appell Inf., 2 ta' Mejju 1995). Fl-ahhar sentenza hawn citata, il-Qorti tghallem li "*l-attur f'kawża ma jistax jistenna li l-Qorti tagħmel ix-xogħol tiegħu u dan l-aktar meta huwa min jallega li jrid jipprova.*" Huwa principju rassodat li l-mera possibilita' mhijiex sufficjenti biex tirradika r-responsabbilita'

civili (**Frank Giordmania Medici et noe vs William Rizzo et**, (PA (NC), 28 ta' April 2004).

Proprju ghalhekk l-attur kien fid-dmir, la darba qed jallega li kien hemm relazzjoni kontrattwali bejnu u bejn l-intimat, li jipprova din ir-relazzjoni u l-kontenut tal-istess ftehim, u dan mhux f'mod legger, izda sufficjentement biex ikun jista' jeghleb kwalunkwe eccezzjonijiet (gja' maghrufa lilu bir-risposta tal-konvenut) li ma hemm ebda ftehim bejniethom. Kemm-il darba dawn il-provi ma jingiebux, il-Qorti jkollha necessarjament tqis li l-parti attrici tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja taghha kif mehtieg u kif mistenni li jsir.

Issa huwa minnu li l-attur ressaq (bi kliemu) dak li huwa jqis li kien il-ftehim ta' bejnu u bejnu il-konvenut. Bl-istess mod, il-konvenut ressaq *hu wkoll* dak li qies li kienet ir-relazzjoni ta' bejnu u bejn l-attur. Izda, in kwantu l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-attur, l-istess attur f'kawza ma ghandux jistenna li l-Qorti temmnu f'kollox meta l-allegazzjonijiet tieghu huma kategorikament respinti mill-konvenut. Huwa nuqqas tal-attur li jressaq l-ahjar prova (skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta**) u li din il-prova tkun wahda konkreta ta' dak li qed jallega (ara wkoll **Adam Bugeja vs Charles Falzon et**, PA (JA), 23 ta' Ottubru 2013).

Il-Qrati taghna jghallmu li "*[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,* ***ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant***" (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li

*"[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."* Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),*"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".* (Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

In vista ta' dawn l-insenjamenti, din il-Qorti jidhrilha li l-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi mhumiex b'sahhithom bizzejjed biex wahda teghleb lill-ohra. Dan qed jinghad limitatament dwar l-allegat ftehim ta' bejn il-kontendenti.

Konsegwentement, u ghar-ragunijiet hawn fuq imfissra, din il-Qorti m'ghandhiex ghazla ghajr li tichad it-talbiet attrici.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li **tichad** l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, **tichad** it-talbiet tal-attur u **tilqa'** l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**